Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

Data tal-laqgħa: 25 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

67.1.1 Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku MLB infurmat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

67.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 66. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

67.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 67.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

67.3.1 Para 66.3.1 – *Speed tables*
Is-SE infurmat li l-i*speed table* ta' quddiem il-Każin tal-Football se ssir minn IM meta jagħmlu t-triq. Is-SE qalet li għadha qed tistenna l-kwotazzjoni għal dik li se ssir fi Triq Ġuże' Bonnici.

67.3.2 Para 66.3.3 – Bankina fi Pjazza Bertu Fenech
Is-SE infurmat applikat ma' TM għall-permess biex isiru 2 *parking bays* mindudin fuq il-bankina ta' quddiem Kola Store, hekk kif issuġġeriet is-Surġent, u qed nistennew risposta.

67.3.3 Para 66.10 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li ressqet it-talba biex nixgħelu l-akwadott b'dawl bil-kulur meta jkun hemm xi avveniment, lis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali.

## 67.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

67.4.1.1 Triq Birbal
Is-Sindku infurma li għadu kif kellu telefonata mill-Ministeru tat-Trasport dwar talba minn resident biex issir *road hump* u *speed camera* fi Triq Birbal (fl-akwati ta' Vjal Sir M A Refalo). Ir-resident ilu jagħmel din it-talba għal dawn l-aħħar snin. Is-SE infurmat li bagħtna diversi drabi ninfurmaw lill-TM (b'*reminder* oħra dalgħodu stess), mingħajr ma ħadna l-ebda risposta.

67.4.1.2 Il-Kunsill għalkemm jemmen li *speed camera* tkun aktar effettiva, jaqbel maż-żewġ proposti.

67.4.2.1 Triq il-Kbira
Is-Sindku infurma li xi residenti raw ħaddiema jagħmlu xi *survey* ta' Triq il-Kbira u xtaqu jiġbdu l-attenzjoni dwar il-problema ta' *flooding* li hemm fit-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà informa lill-IM b'din il-problema, kemm permezz ta' *email*, kif ukoll meta kellna *online meeting* magħhom.

67.4.2.2 Is-Sindku qal li xi residenti semmew ukoll li hemm xi problema fis-servizzi tal-ilma fiż-żewġ (2) sqaqien, u għalhekk talab li ninfurmaw lill-IM sabiex l-isqaqien ta' Triq il-Kbira jiġu inklużi max-xogħlijiet tat-triq. Apparti minn hekk, talab li ninfurmawhom ukoll biex jiċċekkjaw is-servizzi tat-toroq kollha li jkunu ser jagħmlu.

67.4.3 Servizz tal-*Bulky Refuse*
Is-Sindku infurma li kull nhar ta' Ġimgħa qed ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti li jkollhom ibbukkjat is-servizz u ma jinġabrilhomx. Is-SE infurmat li qed jinħarġu *default notices*.

67.4.4 Laqgħa mas-Sindku ta' Pedara (Sqallija)
Fil-festa tar-raħal, il-Kunsill iltaqa' mas-Sindku ta' Pedara, li kien fuq żjara Malta. Kien hemm qbil li jsir kuntatt miegħu biex possibbilment il-Kunsill jagħmel żjara uffiċjali fil-lokalità ta' Pedara, biex tiġi esplorata l-possibbiltà li jsiru xi proġetti forma ta' skambju, bejn iż-żewġ lokalitajiet.

67.4.5.1 <u>Vandaliżmu fil-latrina</u>
Is-Sindku irringrazzja lill-*Handyman* Mario Cini u lill-Kunsillier SG talli ħadu ħsieb jagħmlu rapport l-għassa tal-Pulizija dwar il-latrina li ġiet vandalizzata fil-ġranet tal-festa. Is-SE ikkonfermat li mis-*CCTV cameras* li hemm fil-bandli ma seta' jidher ħadd.

67.4.5.2 Kien hemm qbil li jiġu installati aktar *CCTV cameras* fil-bandli b'tali mod liż-żoni kollha jiġu maqbudin. Apparti minn hekk, kien hemm qbil li jekk hemm bżonn jinbidlu il-*cameras* preżenti sabiex ikun hemm viżwal aktar ċar matul il-lejl.

67.4.5.3 Is-Sindku qal li dan l-inċident ġara għax il-latrina kellha titħalla miftuħa matul il-lejl minħabba l-festa, u għalhekk issuġġerixxa li meta jkun hemm il-ħtieġa li tinżamm miftuħa sat-tard minħabba xi attività, nikru s-servizz ta' *security.* Il-Kunsill qabel.

## 67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

67.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 67.6 Rapporti

67.6.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

67.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 67.7 Skemi Finanzjarji

67.7.1.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/04/2023 li tinkludi d-dettalji tal-proġett, wara li ġie ppreżentat rapport imħejji mill-Pulizija. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża. Is-SE spjegat li għalkemm il-Pulizija ssuġġerew li jinxtraw *speed guns, CCTV cameras* u *crime prevention gadgets,* l-applikazzjoni saret biss biex jiġu installati *CCTV cameras* f'4 żoni. Dan għaliex il-Kunsill baqa' qatt ma rċieva kwotazzjonijiet ta' *speed guns* u *gadgets*.

67.7.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

67.7.2 <u>*Award in Waste Management 2020*</u>
Il-WasteServ infurmaw li l-Kunsill għadu m'użax is-somma (€3K) abbinata mall-premju li rebaħ fit-2020. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir *embellishment* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Il-Kunsillier SG qal li ser jerġa' jkellem lill-Kunvent biex nitolbu approvazzjoni biex isir xi tip ta' *green wall* mal-ħajt ta' wara l-B-I-S. Sadanittant se nilħqu nġibu kwotazzjonijiet ta' *pots* li jistgħu jitpoġġew fiż-żona.

## 67.8 *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

67.8.1 Is-SE infurmat lit-tabelli twaħħlu u l-perjodu ta' prova beda minn nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju 2023. Kien hemm qbil li l-perjodu ta' prova jitħalla sal-aħħar t'Ottubru sabiex ikun hemm xahar sħiħ ċans biex naraw is-sitwazzjoni bit-traffiku tal-iskejjel. Ġie innutat li s'issa kien hemm *feedback* pożittiva. L-ilmenti s'issa kienu minimi.

67.8.2 Kien hemm min issuġġerixxa li Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way* minflok il-parti t'isfel biss. Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li l-Kunsillier AG jitkellem mat-*Traffic Management Consultant* tar-Reġjun, sabiex jistudja din il-possibbiltà.

67.8.3 Is-Sindku semma li l-ilment dwar is-*service road* issa ġie solvut billi saret bl-istess direzzjoni ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-Sindku semma li resident miż-żona qal li issa ġiet perikoluża biex mis-*service road* toħroġ għal Vjal De Paule. Twaħħlet mera biex min ikun ħiereġ minn hemm ikollu viżjoni aħjar.

67.8.4 Ġie innutat li bit-triq *one-way*, issa żdied l-i*speeding*. Apparti minn hekk, hemm bżonn ta' infurzar għal min qed jinjora t-tabelli. Is-Sindku qal li diġà kiteb darbtejn lill-LESA.

## 67.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

67.9.1 Is-Sindku infurma li ser issir laqgħa mal-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, l-Onor. Miriam Dalli, nhar il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2023, biex jiġi diskuss il-proġett propost mill-Kunsill.

## 67.10 Jum Ħal Balzan – Ġieħ Ħal Balzan 2023

67.10.1.1 Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2023
Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali
Il-Viċi Sindku, li kienet issekondata mis-Sindku, innominat lill-Franklin Leeks. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

67.10.1.2 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali
Resident innomina lid-Dama Dr Lydia Buttigieg. Din in-nomina ġiet issekondata mill-Kunsillier SG. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

67.10.1.3 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Il-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku, innomina lill-Renato Micallef. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

67.10.1.4 Is-Sindku, li kien is-sekondat mill-Kunsillier AG, ippropona li jingħata wkoll rikonoxximent lill-Ċensu (Barman tal-Każin tal-PL) li din is-sena rebaħ tazza fis-*snooker*.

67.10.2.1 Programm għal Jum Ħal Balzan
Kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti, Jum Ħal Balzan ser jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru 2023, jew l-għada l-Ħadd, f'każ ta' temp ħażin.

67.10.2.2 Il-Kunsill qabel li għal din is-sena, *Red Electric* ikunu l-*act* prinċipali. L-għaqdiet tar-raħal ser jiġu mistiedna biex jekk huma interessati jarmaw *stand* bl-ikel / xorb.

67.10.2.3 Is-Sindku issuġġerixxa li l-Ħadd filgħodu ssir il-Quddies ta' Ringrazzjament. Il-Kunsillier SG ser ikellem lill-Kappillan dwar dan.

67.10.2.4 Il-programm tal-attività ser jiġi ffinalizzat aktar 'il quddiem.

## 67.11 *Pest Extermination*

67.11.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, kwotazzjoni mingħand *The Exterminator*, biex isir bexx kontra l-*hornets* fuq is-siġar. Il-Kunsill approva li jsir bexx fuq is-siġar tal-bandli, ta' Triq il-Kbira (minn fejn il-ħanut tal-*jeans* sa Triq San Franġisk) u Wesgħa Ġiġi Gauci. L-ispiża tammonta għal €750. Il-Kunsill qabel li mmexxu bl-unika kwotazzjoni li għandna minħabba n-nuqqas ta' żmien, biex ma jilħaqx jgħaddi s-Sajf.

67.11.2 Is-Sindku talab li nġiebu kwotazzjoni għal *hornet traps*, mingħand kumpanija oħra.

## 67.12 Dawl dekorattiv għal żmien il-Milied

67.12.1 Is-SE ressqet l-unika kwotazzjoni li rċeviet biex jintrama dawl dekorattiv f'diversi toroq f'Ħal Balzan. Is-SE infurmat li b'kollox kitbet lill-erba' (4) kumpaniji imma tlieta (3) minnhom ma wieġbux.

67.12.2 Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Noel Borg li tammonta għal €5,040 (VAT inkluż).

67.12.3 Is-Sindku ser jiċċekkja dwar jekk hemmx min hu interessat jarma l-pjazza b'xi arbli u fustuni.

67.12.4.1 <u>Attivitajiet għal żmien il-Milied</u>
Il-Kunsillier SG issuġġerixxa li ngħaqdu *Youth Band* biex idoqqu fi żmien il-Milied. Il-Kunsill iddiskuta u ma qabilx għal fatt li din tinvolvi ammont konsiderevoli ta' xogħol.

67.12.4.2 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill *email* mingħand *events organiser* dwar avvenimenti li jistgħu jiġu organizzati għal żmien il-Milied. Il-Kunsill wera interess fir-*Rima Folk Group*. Qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq l-attività, il-Kunsill qabel li nitolbu lill-organizzatur jibgħatilna xi filmati ta' dan il-grupp.

## 67.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

67.13.1 <u>Kwotazzjonijet – *Central strip* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet ta' tisbiħ. Il-Kunsill unanimament approva l-offerta J & K Contractors Ltd għax fiha tinkludi x-xogħol kollu meħtieġ. Kif ukoll, l-ammont huwa prattikament indaqs meta tqabbilha mal-kwotazzjoni l-oħra.

67.13.2 <u>Kwotazzjonijet għas-servizz ta' DPO</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena. Il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni li rċieva, tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem BOOM Consultancy & Advisory Services.

67.13.3 <u>*Tender – Services of a Contracts Manager* – BLC 06/2023</u>
Is-SE infurmat li t-*tender* preżenti jiskadi f'Jannar 2024 u għalhekk irid jinbeda l-proċess biex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Il-Kunsill approva d-dokumenti għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 06/2023.

67.13.4 <u>Ċirkulari AKL 2023/070 – *European Mobility Week* 2023</u>
Ġiet innutata Ċirkulari 2023/070 mibgħuta mill-AKL.

67.13.5 <u>Problema ta' skart fi Pjazza Bertu Fenech</u>
Resident qed jiġbed l-attenzjoni fuq il-problema ta' skart li qed jitħalla fejn is-*service entrance* tar-residenza tiegħu (fejn it-*telephone box).* Ir-resident qed jipproponi 2 soluzzjonijiet għal din il-problema:

1. Li tiġi installata *CCTV camera* fiż-żona mill-Kunsill – Din hija waħda miż-żoni li se jiġu installati *CCTV cameras*, jekk l-applikazzjoni għal Skema Finanzjarja SPI/SCI/01/2023 tiġi approvata.
2. Li jpoġġi 2 qsari żgħar fil-ġnub tal-bieb tiegħu (b'tali mod li ma tiġix ostakolata l-bankina) – Approvata.

## 67.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

67.14.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/23, li tinkludi l-ammont ta' €149.99c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2023.

67.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier AG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 67.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

67.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

67.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 28 ta' Awwissu 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 28 ta' Awwissu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |